# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-12 t'Ottubru 2021

**Rikors Numru : 70/2020 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**FB**

**Vs**

**KB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' FB datat 21 ta' Mejju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi nhar 29 ta' Settembru 2002 l-esponenti izzewwget lill-intimat KB u dan kif jidher mill-anness certifikat taz-zwieg mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;*

3. *Illi ghal habta tal-2010 il-partijiet infirdu tant illi l-intimat telaq mid-dar matrimonjali u l-istess esponenti qatt ma kellha kommunikazzjoni sa minn dak inhar;*

4. *Illi l-esponenti talbet lill-intimat biex tigi konkluza separazzjoni bonarja bejn il-partijiet izda l-intimat mhux qed jikkomunika mall-esponenti;*

5. *Illi l-esponenti ilha ma tisma b'ahbar l-intimat sa mis-sena 2011;*

6. *Illi l-esponenti tixtieq tipprocedi ghall-firda personai minn ma zewgha l-*

*intimat u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

7. *Illi l-partijiet ma ghandhomx l-ebda assi tal-kommunjoni;*

8. *Illi r-raguni ta' din it-talba hija li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-intimat u ghalhekk ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti prevja li tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti u li jsir dak kollu mehtieg konsegwenza ta' tali;*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat, u tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament minn mall-intimat;*

2. *Tiddikjara illi l-intimat huwa unikament hati ghall-firda tal-kontendenti minhabba adulterju u abbandun u dan a tenur tal-Artikoli 38 u 41 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-finijiet tal-Artikolu 48 ( c ) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess intimat ghandu jkun ikkunsidrat hati tal-firda;*

3. *Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti, d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 54 tal-Kodici Civili;*

4. *Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u kull akkwist maghmul ghandu jibqa' proprjeta' esklussiva tal-parti li tkun ghamlitu u kull obbligazzjoni Assunta tibqa' a karigu tal-parti li tkun ikkuntrattatha u dan a tenur tal-Artikolu 55 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. *Tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'zewg prozjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-intimat huwa unikament hati ghas-separazzjoni personali okkorendo bl-opera tal- periti nominandi, u tassenja porzjon lill-attrici u porzjon lill-esponent ope sententiam. Filwaqt li tinomina nutar biex jircievi l-atti relattivi li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-*

*sentenza u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

6. *Tiddikjara li l-intimat ddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti;*

7. *Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas wahdu kwalunkwe djun u krediti li hemm pendenti f'ismu;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat il-verbal tal-24 ta' Frar 2021 (Vide Fol 12)  fejn l-intimat ma pprezenta ebda risposta guramentat u wara li gie msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Ghaldaqstant huwa kontumaci.

Rat il-verbal tas-6 ta' Gunju 2022 (Vide Fol 80) fejn akkordat 15-il gurnata sabiex l-intimat jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Art 158 (10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tal-kontumacja tieghu.

Rat illi minkejja l-fakolta' lilu moghtija, l-intimat baqa' inadempjenti;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici prezentat affidavit mar-rikors promotur** *(vide fol 5)* fejn bil-gurament taghha kkonfermat illi l-intimat kien wiehed mill-ftit hbieb li hija kellha meta giet Malta mill-Marokk u filfatt hi u l-intimat kienu jiltaqghu ta' spiss. Izzid illi huwa kien anke introduciha mal-familja tieghu u ma xtaqx li hija titlaq lura l-Marokk. Illi kien ghalhekk illi huwa kien qalilha biex jizzewgu. Dak iz-zmien, hija kienet tafdah u kien jghinha hafna  u kien anke mar jghix maghha San Pawl il-Bahar, fejn hija ghadha tghix sal-lum. Illi pero' l-intimat kien ta' spiss jidhol u johrog mid-dar minghajr ma kien jghidilha fejn sejjer jew fejn kien.

Wara xi zmien, bdew jigu jfittxuh il-pulizija u kienet indunat li kellu xi problemi mal-gustizzja. Iktar ma beda jghaddi z-zmien, l-intimat beda jqatta' aktar hin barra d-dar milli maghha fid-dar u

ghal habta tas-sena 2010, huwa kien telaq mid-dar. Kif indunat li kellu problemi mal-gustizzja, hija ma baqatx tfittxu.

**L-attrici xehdet ukoll viva voce** nhar it-3 ta' Frar 2022 **(vide fol 27A et seq)** u spjegat illi hija giet Malta fis-sena 2002 u kienet iltaqghat mal-intimat. Minn hemm huma bdew johorgu flimkien u zzewwgu wara xi erba' (4) xhur. Huma kienu jghixu go flat bil-kera. Illi maz-zmien hija bdiet tinduna illi huwa beda jiehu d-droga, u wara saret taf illi huwa kien jiehu d-droga minn qabel ma iltaqa' maghha. Hija tixhed illi d-droga kienet xi haga bajda u darba kienet sabet din u s-sikkina fil-kamra tal-banju u anke fuq is-sufan. Illi hija kienet iddecidiet illi ma tistax tibqa' sejra hekk. Mistoqsija jekk apparti d-droga kienx hemm kwistjonijiet ohra, l-attrici twiegeb fin-negattiv u tikkonferma illi huma ma kellhomx tfal. Izzid illi huwa ma kienx jahdem minhabba l-problema tad-droga u kienu jghixu fuq ir-relief.

**Rowena Azzopardi rapprezentanta BNF Bank** xehdet nhar it- 3 ta'Frar 2022, *(vide fol 71 et seq)* fejn spjegat illi l-partijiet m'ghandhom l-ebda relazzjoni mal-bank.

**ISM 222 John Mary Camilleri, stazzjonat l-Ufficju Kondotta** xehed nhar it-3 ta' Frar 2022 *(vide fol 73 et seq),* fejn esebixxa l-fedina penali tal-intimat *(Vide Dok JMC1 a fol 29 et seq tal-atti.)*

**Johanna Bartolo rapprezentanta tal-BOV Bank** xehdet nhar it-3 ta' Frar 2022 *(vide fol 75 et seq)* fejn spjegat illi mir-ricerki li ghamlet irrizulta illi hemm kont wiehed f'isem l-attrici, u cioe *savings account* li infetah f'April tas-sena 2006 u ghadu miftuh, filwaqt li f'isem l-intimat irrizulta zewg kontijiet, *savings account* li nfetah f' Gunju 2003 u ghadu miftuh u *savings account* iehor li infetah f'Dicembru 2004 u ghadu miftuh.

**Charmaine Psaila Raji rapprezentanta APS Bank** xehdet nhar it-3 ta' Frar 2022 *(vide fol 77 et seq)* u spjegat illi mir-ricerki li saru l-partijiet m'ghandhom l-ebda relazzjoni mal-bank.

**Lorraine Attard rapprezentata HSBC Bank Malta plc** xehdet nhar it-3 ta'Frar 2022 (*vide fol 78 et seq)* u spjegat illi ma nstabu l-ebda kontijiet f'isem il-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat, huwa baqa' kontumaci f'dawn

il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech*** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghallgudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement millkontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe.,*** Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghallgudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;"***

*Vide* ukoll sentenza fl-ismijiet ***Joseph Aquilina noe v. Lino Debono***, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat. Illi fir-rikors promotur l-attrici tindika illi l-intimat huwa unikament hati ghat-tifrik tz-zwieg taghhom minhabba adulterju u

abbandun u dan a tenur tal-Artikoli 38 u 41 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-finijiet ta' l-artikolu 48 (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti ghandha tistabilixxi d-data meta l-istess intimat ghandu jkun ikkunsidrat hati tal-firda.

L-abbandun huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, l-artiklu 41 tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti:

> ***Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' wkoll titlob il-firda jekk ghal sentejn jew izjed, tkun abbandunata mill-ohra, minghajr raguni tajba.***

Kemm mid-dicitura tal-artikolu u wkoll minn gurisprudenza kostanti taghna jirrizulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bhal din tirnexxi huma tnejn, u cjoe' l-abbandun idum ghal sentejn jew izjed, filwaqt li l-abbandun isehh minghajr raguni tajba. Fil-*kawza* **Andrea Avellino vs. Regina *Avellino*[1]**, insibu definizzjoni cara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

> ***Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall- ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriccuz u mhux gustifikat minn xi motiv ragjonevoli.***

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[2] fejn il-Qorti sostniet illi:

> ***Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn.***

---

[1] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is- 16 ta' Dicembru 1949.

[2] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Frar 1961.

L-adulterju wkoll huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, il-Kodici Civili f'artikolu 38 jistipula:

***Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".***

Il-kwistjoni dwar l-adulterju tippernja fuq il-prova tal-istess u jekk min jallegha, jistax fattwalment jaghti prova taghha. F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li:

***"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l- kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali. Huwa ormai pacificu fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". (Vide ukoll Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe)***

Inghad illi peress li din il-kawzali hija wahda mill-aktar gravi, il-Qrati taghna taw interpretazzjoni pjuttost ristretta sabiex jigi pruvat.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet izzewgu nhar id-29 ta' Novembru 2002 gewwa r-registru ghaz-zwigijiet fil-Belt Valletta u dana kif jidher mic-certifikat taz-zwieg esebit in atti *a fol 4.* Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ma kellhomx tfal. Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu iltaqghu fis-sena 2002 meta l-attrici giet Malta mill-Marokk. Illi l-partijiet kienu ghamlu xi ftit zmien johorgu flimkien u sussegwentement izzewgu. Illi huma kienu jirrisjedu gewwa fond f'San Pawl il-Bahar, fuq titolu ta' kera. Illi jirrizulta illi l-attrici ghadha tirrisjedi fid-dar matrimonjali.

Illi kif diga accennat aktar qabel minn din il-Qorti, l-intimat huwa kontumaci u ghalhekk din il-Qorti hija kostretta li taghti l-gudizzju taghha unikament abbazi tal-provi prodotti mill-attrici.

Il-Qorti taghraf illi minkejja li kien kontumaci, l-intimat xorta wahda kellu dritt illi jaghmel kontro-ezamijiet tax-xhieda prodotti mir-rikorrenti u jressaq nota ta' sottomissjonijiet tieghu, izda huwa baqa' ma kkontesta bl-ebda mod il-provi prodotti minnha u naqas addirittura milli jintavola s-sottomissjonijiet tieghu minkejja l-opportunita moghtija lilu minn din il-Qorti biex jaghmel dan.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat.

Il-Qorti rat illi l-attrici indikat l-adulterju l-abbandun bhala r-ragunijiet li waslu ghat-tifrik taz-zwieg taghha minn mal-intimat. Din il-Qorti pero' rat illi mill-assjem tal-provi prodotti mill-attrici, l-attrici ma resqet l-ebda provi li effettivament jikkoraboraw li l-intimat huwa hati ta' adulterju. It-testimonjanza tal-attrici xehtet biss dawl fuq il-problema ta' abbuz mid-droga li kellu l-intimat, verzjoni li hija korraborata mill-fedina penali tal-istess intimat *a fol 29* tal-atti, li turi illi l-intimat instab diversi drabi hati ta' reati relatati mad-droga. Illi necessarjament, din id-dipendenza tal-intimat fuq id-droga gabet maghha problemi finanzjarji fuq iz-zwieg tal-partijiet, iktar u iktar meta kif xehdet l-attrici, l-intimat qatt ma hadem u kienu jghaddu biss bl-ghajnuna socjali. Illi l-*bank statements* tal-intimat huma ukoll xhieda ta'dan. (*Vide fol 56 et seq)*

Fir-rigward l-abbandun, din il-Qorti rat illi mix-xhieda mhux kontestata tal-attrici, l-intimat kienu ilu gej u sejjer id-dar kif jaqbel lilu minghajr ma jaghti spjegazzjoni lil martu. Illi kif tikkonferma l-istess attrici bil-gurament taghha fl-affidavit taghha, **l-intimat telaq mid-dar matrimonjali fis-sena 2010 u mis-sena 2011 l'hemm qatt ma kellhom kommunikazzjoni**. Il-Qorti tosserva ukoll illi mill-*bank statements* jidher illi l-intimat ghadu b'indirizz differenti minn dak tal-attrici li tindika l-indirizz tad-dar matrimonjali f' San Pawl il-Bahar, a kuntrarju tal-intimat. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan ikompli juri d-disinteress totali tal-intimat versu l-hajja mizzewga mal-attrici.

Illi din il-Qorti hija wkoll konvinta illi fid-dawl ta' dan kollu, l-intimat, naqas mid-doveri tieghu ta' ragel mizzewweg hekk kif indikati fl-artikoli 2 u 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta versu martu l-attrici. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-intimat a kawza ta' abbandun u minhabba n-nuqqasijiet serji minn naha tal-intimat fid-doveri legali tieghu bhala ragel mizzewweg.

Illi maghdud ma' dan, din il-Qorti qiset l-artikolu 40[3] tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u hija l-fehma konsiderata taghha illi mill-assjem tal-provi, iz-zwieg tal-partijiet tkisser

[3] Art. 40: Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob bil-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment minkejja li, sew

irrimedjabbilment. Fid-dawl tal-premess u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet maghmula, din il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu.***"

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat huwa ħati ta' abbandun u għaldaqstant il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa' t-talba tal-attrici f'dan ir-rigward u tapplika fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

***Dar Matrimonjali:***

Mix-xhieda mhux kontestata tal-attrici jidher illi m'hemm l-ebda assi li jappartjenu lill-kommunjoni tal-akkwisti li ghadha *in vigore* bejn il-partijiet. Illi minkejja li l-attrici ma esebit l-ebda kuntratt ta' kera, mill-*bank statements* intestati f'isem l-attrici, jirrizulta illi l-fond residenzjali fejn qieghda tirrisjedi l-attrici huwa effettivament mikri u hija anke tircievi s-sussidju tal-kera. Il-provi attrici juru di piu' li il-fond kien mikri lill-attrici u kien l-intimat li mar jghix mal-attrici.

---

qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta'dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġun.

***Kontijiet Bankarji:***

Mill-provi in atti jirrizulta illi l-partijiet m'ghandhomx *joint account* u ghandhom biss kontijiet personali separati. Il-Qorti rat illi kull wiehed mill-partijiet ghandhu kont jew kontijiet personali intestat/i fuq ismu. Ulterjorment jirrizulta illi m'hemm l-ebda djun u pendenzi ohra mal-bank. Illi ghalhekk din il-Qorti tqis illi l-kontijiet bankarji ghandhom jigu assenjati lil dik il-parti li fuqha huwa intestat l-akkont.

Illi ulterjorment u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, dawn ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu fi zmien xahar minn din is-sentenza. Illi di piu, din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li parti jew ohra ghamlet jew dahlet ghal xi djun jew krediti ohra, anke jekk fiz-zwieg, dik il-parti li tkun dahlet f'dana l-obbligu ghandha b'mod esklussiv taghmel tajjeb hi ghal dan id-dejn, krediti u/jew obbligi.

Il-Qorti in vista tal-kontumacja tal-intimat ma jirrizultalhiex li hemm xi eccezzjoni li ghandha titqanqal ex-officio.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi B ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzaha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut nomine;**
2. **Tilqa' t-tieni talba limitatament u tiddikjara illi l-intimat huwa unikament hati ghall-firda tal-kontendenti minhabba abbandun mis-sena 2012.**
3. **Tilqa' it-tielet talba u tapplika kontra l-intimat l-effetti kollha tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili;**
4. **Tilqa' ir-raba' talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, b'dana illi kwalunwke akkwist u kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, ghandhom jibqghu propjeta esklussiva tal-parti li f'isimha huma ntestati u qed jigu assenjati lil dik l-istess parti. Illi bl-istess mod, u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li lilha jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg**

**partijiet jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew immobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti entro xahar mid-data ta' din is-sentenza. Di piu', kull obbligazzjoni jew dejn assunta ghandha tibqa' a karigu tal-parti li tkun ikkuntrattatha.**

5. **Tilqa' il-hames talba u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod:**
    i. **Il-kontijiet bankarji ezistenti qed jigu assenjati lil dik il-parti li fi'isimha jkunu ntestati, b'dana illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalunwke dejn kontrattat minnhom, bi dritt ta' rivalsa fil-kaz illi jkollha taghmel tajjeb ghal xi dejn maghmul mill-parti l-ohra;**
    ii. **Tiddikjara illi kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, qed jigu assenjati lil dik il-parti li f'isimha jkunu intestati.**
6. **Tilqa' s-sitt talba u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-artikoli relattivi tal-Kap16 tal-Ligijiet ta' Malta;**
7. **Tilqa' s-seba' talba u tordna lill-intimat ihallas wahdu kwalsiasi djun u krediti li hemm pendenti f'ismu anke jekk saru matul iz-zwieg.**
8. **Tappunta lil Dr Stefano Filletti bhala Kuratur u lin-Nutar Liza Schembri sabiex jirraprezentaw lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva sabiex jhehhji l-atti notarili necessarji;**
9. **Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**Komunika ta' din s-sentenza lil Dr Stefano Fillatto u lin-Nutar Liza Schembri.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**